# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

## Minuti

## L-Għaxar Leġislatura

## Laqgħa numru 05

**5.00p.m 27 ta' Awwissu 2024**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku. |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

Ma kienx hemm

**Assenti**

Ħadt

**Uffiċċjal Preżenti**

Mariella Strout - Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa.

**05.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**
Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija

**05.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**
Il-kunsillier Domenic talab sabiex issir emenda 03.9 attivitajiet tas- sajf qal li kien ġie diskuss li jsir BBQ fil-ġnien belvedere u Harbour cruise iżda fil-laqgħa wara numru 04 kien ġie deċiż li dawn l-attivitajiet ma jsirux sabiex l-attività tal-milied issir kollha kif kienet l-applikazzjoni ta' Skema relatata ma l-attivitajiet tal-milied
Il-kunsillier Domenic Spencer ġibed l-attenzjoni li fl-item tal-milied trid titneħħa referenza għad-dawl tal-Milied għax mhux inkluż f'iskema
Kunsillier Spencer u l- Viċi Sindku qallu li huwa japprova l-minuti ta' laqgħat li fejn kien presenti huwa.

**05.3** Komunikazzjoni mis-Sindku;

**05.3.1 Installazzjoni ta' CCTV kameras**
Is-sindku nforma li bdew jitwaħħlu CCTV kameras waħda fejn il- ħanut ta' Blanco u postijiet oħra ser jitwaħħlu fil-ġimgħat li ġejjien. Il-viċi Sindku staqsa jekk ġietx infurmata l-awtorità responsabbli mid-data Protection. DES qalet li ser issir verifika ma l-entita responsabbli . Il-kunsillier Domenic Spencer tenna li kien qed jipproponi l-issir CCTV Triq Santisma Trinita kantuniera ma Triq Stiefnu Zerafa minħabba rimi ta' skart illegali.

**05.3.2 Traffic calming measures Road hump ( sleeping police)**
Is-Sindku nforma li 7 persuni ma jridux u 2 żewġ persuni irriduha. Wara diskussjoni ġie deċiż li wara li saru verifikazzjoni jirriżulta li r-road hump eżistenti ma hiex skont l-istandards ta' regolazzjoni ta' traffiku. Il-Kunsill qabel li din ir-road hump titneħħa mill- kuntrattur li waħħalha.

**05.3.2.1 Applikazzjoni 3 road humps Triq ix-Xwieni**
Is-sindku tenna ngħata korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand Transport Malta li datata 28 ta' Mejju 2024 fejn il-kunsill kien għamel rikjesta sabiex isiru 3 road humps fi Triq ix-Xwieni. Il-viċi Sindku Josef Azzopardi qal li huwa ma kien ta' awtorizza dan ir-rikjest. Għalhekk il-kunsill qabel li jiġi vverifikat min għamel it-talba.

**05.3.2 EV Charging Pillars Identified Sites**
Is-Sindku nforma li kien irċieva talba mingħand l-aġenzija pprovdiet lista aġġornata ta' siti għall-iżvilupp tal-iċċarġjar tal-EV tal-pubbliku u qed titlob il-feedback tal-Kunsill dwar is-siti proposti. Il-Kunsill qabel li Kunsilliera jiċċekkjaw il-lista tal-proposti u risposta ser tingħata b'imejl minħabba li trid tintbagħat mill-aktar fiss.

**05.3.3 Wage for one week of April**
Is-Sindku nforma li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ġibed għal attenzjoni tal-Kunsill li s-Sur Edward Spiteri Audibert ma tħallasx tal-ġimgħa li tkopri il-perjodu bejn l-1 u s-7 t'April 2024. Għal din il-parti ta' diskussjoni intefa il-microphone minħabba li suġġett huwa relatat ma riżorsi umani.
Il-Kunsill qabel li peress li l-korrispondenza kienet intbagħtet mil-avukat ta' Dipartiment, ir-risposta għanda issir mill-avukat tal-Kunsill.

**05.3.4 Request for reallocation of parking spaces**
Is-Sindku nforma li l-kumpanija ARUC qed tistaqsi jekk iż-żewġ parking spaces li kienu allokati lil FITA u li issa m'għadhomx jintużaw jistgħux jgħaddu għandhom sabiex jagħmlu użu minnhom. Huma għamlu talba dirett lil Transport Malta u minn naħa tagħhom aċċettaw li dawn iż-żewġ parking spaces jibdew jintużaw mill-ARUC. Il-Kunsill ġie mitlub jagħmel it-tabelli neċessarji skond il-permess mogħti minn TM.

Il-Kunsill qabel tinħareġ no objection u jagħmel it-tabelli rikjesti iżda il-Kunsill javża lil kumpanija ARUC li spiża ta' tabelli trid titħallas mil-kumpanija ARUC.

**05.3.4.1 Request Parking OPSA**
Is-Sindku nforma li reġaw kitbu ta' OPSA fejn qed jinsistu li huma għandhom iridu iktar parking għaliex qed jinsistu li parking huwa ta' kumpanija oħra. Huma infurmaw lil Kunsill diġa għandhom permess min trasport Malta . Wara li ġie diskuss dan is-suġġett il-kunsill tenna li ma għandux oġġezzjoni sabiex jiżdiedu

2 parkeġġi iżda il-parkeġġ irid jitħalla liberu għal residenti wara il-ħin tal- 5.pm sa 7a.m u ma jistax jiżidiedu parkeġġi oħra għal kumpaniji.

**05.3.5 Rilokazzjoni ta' CCTV kamera**

Is-Sindku informa li wara li saret spezzjoni tac-CCTV camera li hemm fi Triq Patri F. Bilocca jidher li peress li din il-kamera hija antika u ġiet esposta għal elementi ma tkunx vijabbli li din tigi trasferita. Għalhekk bagħatu kwotazzjoni biex tinbidel li tammonta għal €2952.95.
Il-Kunsill ma jaqbilx ma din in-nefqa. Il-Viċi Sindku informa li fil-kunsill hemm numru ta' CCTV kameras fl-istores fejn dawn jista' jintużaw. Is-Sindku irringrazzja lil Viċi Sindku għal din l-informazzjoni u tenna li kien ser jagħmel użu minnhom.

**05.3.6 Nuqqas ta' Dawl Triq Azzopardi**

Is-Sindku informa lill-Parroċċa Marija Regina qed tiġbed l-attenzjoni fuq nuqqas ta' dawl li hemm fi Triq Azzopardi. Qed jitolbu li jiżdiedu xi bozoz minħabba li qed javviċinawhom ir-residenti li jiffrekwentaw il-knisja li fl-akkwata ma hemmx dawl adegwat. Fil-preżent il-Knisja qed ikollha tixgħel bozza matul il-lejl biex ma jkunx hemm dlam.
Ġie ċċaarat li din it-talba kienet ġiet approvata, l-kunsill talab issir verifikazzjoni ma kuntrattur tal-bozoz.

**05.3.7 Livell ta' nfieq attwali**

Is-Sindku nforma li Divizjoni tal-Gvern Lokali qed tirrakkomanda lill-Kunsill biex jissorvelja mill-qrib il-livell ta' nefqa attwali. Il-Kunsill qed jiġi mħeġġeġ biex jimplementa kontroll aktar strett fuq l-infiq biex jiġi żgurat li l-ispejjeż jibqgħu fi ħdan il-limiti tal-baġit.
Il-Kunsill qabel li din il-korrispondenza tiġi diskussa mal-accountant tal-Kunsill waqt il-qari ta' rapport Q2.

**05.3.8 Science for Curious Minds**

Deputat Segretarju Eżekuttiv informa li ser issir attivita' għat-tfal organizzata mir-Reġjun b'kollaborazjoni ma Esplora u Project Green. L-attivita' ser titella' fil-Ġnien Romeo Romano. Il-Kunsill qed jiġi mitlub sabiex jorganizza trasport għal dawk it-tfal li jixtieqa jattendu.

Il-Kunsill qabel li jiġi organizzat trasport għal din l-attivita'.

**05.3.9 Rapport mic-CPD**

Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-uffiċjal mic-Civil Protection Department kien għamel spezzjoni ta' Day Centre dwar il- ħruġ ta' emergenza. Din l-inspection saret fil-presenza ta' Kunsillier Anthony Meilak. L-uffiċjal irrakkomanda l-issir rampa mal -ġenb tal-binja sabiex tintuża f'kas ta' emerġenza. DES infurmat li l-Perit tal-Kunsill ġie jagħmel spezzjoni u kien ser jibgħat stima ta' rampa kif qed jiġi rakkomandat.

**05.3.10 MOU Dipartiment ta' Xogħlijiet Pubbliċi**

**Is-**Segretarju Eżekuttiv spejgat li l-Kunsill kien irċeva korrispondenza mingħand id-dipartiment tal-Public works fejn il-Kunsill ġie allokat fond ta' 175,000 euro sabiex jintużaw għal proġetti jew xogħolijiet infrastrutturali. Il-proċedura tirrikjedi li ssir rikjest skont il-BOQ template li ġiet mfassla mid-dipartiment u xogħolijiet isiru mill-ħaddiema jew kuntratturi li qegħdin ftehim ma dipartiment**.**
Kien hemm qbil li jiġu sottomessi l-BoQs li hemm lesti sabiex jitranġaw diversi bankini**.**

**05.3.11 Il-Presepju Marsi f'Brussels**

Il-Kunsillier Domenic Spencer informa li kif kien informa fil-leġislatura ta' qabel Presepju Marsi ser ikun esebit f'Brussel f'Diċembru 2024.
Il-Kunsill ippropona li jkun hemm representant mill Kunsill għalhekk qabel li l-Kunsill jibgħat lil Kunsillier Domenic Spencer.

**05.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsillier Joseph Cachia staqsa jekk il-kunsill kienx irċieva korrispondenza rigward it-tournament tad-darts. DES irrispondiet li l-kunsill kien għadu ma rċeviex rikjest.

**05.5 Rapporti**

**0.5.5.1 Rapport Evalwazzjoni - Tender Upgrading of Gwann Mamo playingfield**

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat ir-rapport ta' l-evalwazzjoni ta' Tender Gwann Mamo u spjegat rakkommandazzjoni tal-Bord. Hija tenniet li wara li saru il verifiki kolla ta' sejħiet li ġew sottometti irriżulta li ħadd ma kien jissodisfa il-kriterji mitluba jew kienu ħafna iktar għola mil-baġit tal-proġett.

Il-Kunsill qabel li tintalab estensjoni tal proġett lid- Diviżjoni ta' l-istrateġija u Implimentazzjoni u jekk din tiġi approvata tinħareġ is-sejħa (tender) mill-ġdid.

**0.5.5.2 Rapport Finanzjarju Q2**

Is-Sindku talab lil accountant tal -Kunsill sabiex jagħti spjegazzjoni rigward l-ispejjez u dħul tal-Kunsill bejn April u Mejju 2024. F'dan l-istadju l-Kunsill irrefera għal ittra li ntbagħat lill- Kunsill mingħand id-Divizjoni tal-Compliance fi ħdan il-Gvern Lokali. Din l-ittra għamel referenza għad-defiċit tal-Kunsill u il-bżonn li jitrażżan l-infiq sabiex jiġi stabbiliet il-bilanċ.
Tqajmet diskussjoni dwar il-kontenut ta' din l-ittra, fejn il-Viċi Sindku u l-kunsillier Domenic Spencer li kienu parti mil-Kunsill fil-leġislatura ta' qabel qalu din l-ittra m'hiex qeda tagħti viżjoni korretta tal-infiq tal-Kunsill dan għaliex ma ittieħdet konsiderazzjoni li dawn l-aħħar sentejn għollew l-ispejjeż ma żamma ta' l-indafa ta' lokalita, iżda l-allokazzjoni mill Gvern Lokali ma żdiditx. Huwa tenna li fil-passat il-kunsill kien jifdallu biżżejjed flus mill-allokazzjoni ta' l-indafa sabiex jagħmel proġetti oħrajn. Il-kunsillier Domenic Spencer qal li meta inqara il-Q1, l-accountant kien qal li defiċit sar minħabba li għolew it-tipping fees u mhux minħabba l-attivitajiet.

Il-Kunsill approva rapport Q2 kif preżentat. Kien hemm qbil li l-accountant jirrispondi lid- Diviżjoni tal-Compliance abbażi ta' dak li ġie diskuss.

**05.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 08/24 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel l-avviż tal-laqgħa. Is-sindku qal li Kunsill qed jagħmel tisqija f' Triq Xemxija fl-akwati tal-Housing Estate. Din iz-zona hija responsabiltà ta'l- Awtorita' ta' Djar għalhekk l-ispiża għandha tiġi koperata min l-istess Awtorita'. Il-Kunsill qabel.
**05.6.1** Wara mozzjoni mressqa min proponent Kunsillier Domenic Spencer u sekondat Kunsillier Anthony Meilak il-kunsill approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija b'eċċezzjoni għal pagament numru 32, fattura EST-1124 minħabba li l-kuntrattur ma kienx qed jagħmel is-servizz kif meħtieġ.

**05.7 Item: Pubblikazzjoni ta' Tenders ġodda**

Is-Sindku nforma li hemm numru ta' kuntratti magħluqa u għalhekk kien qed jitlob li s-sejħiet joħorġu mill-ġdid. Il-Kunsill qabel li jinħarġu tenders skont il-prijorità.

**05.8 Item: l-ingaġġ ta'uffiċjal eżekuttiv min partime għal fulltime**

Is-Sindku informa li Deputat Segretarju Eżekuttiv rċeviet rikjest mingħand l-uffiċjal eżekuttiv li hija ingaġġata mal-Kunsill fuq bażi ta' 30 siegħa sabiex tibda taħdem fuq bażi full time. Id-deputat segretarju eżekuttiv ir-rakkomandat li din ir-rikjesta għandha tintlaqa' minħabba li x-xogħol fl-amministrazzjoni żdied u hija infurmata li diġà kienet infurmata mill-amministrazzjoni preċedenti li kienet ser tibda taħdem fuq bażi fulltime. Il-Kunsill qabel ma rakkomandazzjoni u ġie deċiż li tibda fulltime min l-ewwel ta' Ottubru.

**05.9 Item: Proġett Proactive mobility network**

Il-Kunsillier Domenic Spencer spjega li kien attenda għal laqgħa organizzata min Infrastructure Malta relatat mal Proġett iffinanzjat parti min fondi Ewropej. Huwa tenna li qed jiġi propost li jsir traffic management madwar il- lokalita' kollha u tista' tiġi addattat sistema bħal ma hemm madwar Londra.

L-organizzaturi staqsew jekk ikunx jista jintuza Tram Station sabiex jservi bħala drop off/pick point għar-roti. Il-Kunsillier spjega li Tram Station ser jintuża għal proġetti oħra, iżda huwa ippropona postijiet oħra fejn jista' jintuża għal dan il għan.

**05.10 Item: Proposti ta' ismijiet ġodda ta' toroq**

Is-sindku nforma li kien irċieva proposti fuq ismijiet ta' toroq ġodda mingħand il-Kunsillier Gloria Aquilina u Kunsillier Domenic Spencer.

Il-Kunsillier Gloria Aquilina qed tipproponi dan l-isem għat-triq fl-akwatti ta' Albertown li fil-preżent m'għandiex isem Triq il-Bini tal-Vapuri

Il-Kunsillier Domenic Spencer propona diversi ismijiet għal toroq ġodda kif ukoll tibdil ta' ismijiet ta' toroq oħra

1. Triq is-Salib parti ta' quddiem il- knisja tiġi mibdula għal Misraħ is-Santissima Trinita'.
   Il- Viċi Sindku qal li din it-talba kienet saret u kien ġie vverifikat tista' tisejjaħ Trinita Qaddisa
   Il-Kunsill qabel.

2. Triq Nerik Sacco minn Triq Qormi sa Triq Azzopardi tiġi tisejjaħ Triq Marija Regina.
   Il-Kunsill qabel

3. Triq bla isem bejn Triq Aldo Moro u Triq ix -Xwieni tissemma Triq it-Tarznari jew Triq il-Bini tal -Vapuri.
   Il-Kunsill qabel li tkun Triq il-Bini tal-Vapuri

4. Triq bla isem bejn Triq Troubridge u Triq it-Tarznari Jew Triq il-bini tal vapuri tissemma Triq il- Karristi.
   Il-Kunsill qabel tiġi Triq il-Karristi

**05.11 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm mozzjonijiet

**05.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

Il-laqgħa ntemmet fis-8.20pm u ġiet aġġornata għat-tnejn 30 ta'Settembru 2024 fl-5.00 pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Luke Farrugia<br>Sindku | Mariella Strout<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*